TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2443

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3175/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Brian Johnson**

**u**

**Poligas Limited**

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 14 ta' Ottubru 2016

**Preliminari**

Dan il-każ ġie rriferut lil dan it-Tribunal permezz ta' rikors fejn ir-rikorrenti spjega li kien impjegat mas-soċjeta intimata fuq bażi indefinittiva mit-13 ta' Lulju 2009. Madwar sitt xhur qabel it-terminazzjoni tiegħu s-soċjeta biddlet il-vann li r-rikorrenti kien jaħdem bih, liema vann kien iżgħar u aħjar għall-użu tax-xogħol tiegħu. Ir-rikorrenti għamel diversi lmenti li l-vann ma kienx f'kundizzjoni tajba u kien ta' periklu għalih minħabba li l-brakes ma kinux jaħdmu u l-vann kien qed jarmi l-ilma l-ħin kollu. Minkejja dawn l-ilmenti s-soċjeta baqgħet ma pprovdietx vann sigur u permezz ta' ittra datata 18 ta' Lulju 2013 ix-xogħol tiegħu ġie tterminat. Ir-rikorrent qal li mhux minnu dak li kien hemm allegat f'din l-ittra ta' terminazzjoni u mhux minnu li kien ingħata twissijiet u tkeċċa biss għaliex kien qabeż għad-drittijiet tiegħu u hekk kif ġara ukoll lil impjegat l-ieħor li kien ikun miegħu fl-istess vann. Ir-rikorrent saħaq li ma ingħatax l-opportunita li jsemma leħnu jew jagħti spjegazzjoni tas-sitwazzjoni. In vista ta' dan ir-rikorrenti talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti l-provvediment kollha inkluż reintegrazzjoni u kumpens ġust. Fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-pay slips rilevanti.

Is-soċjeta intimata rrispondiet li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li t-tkeċċija kienet waħda ġusta għaliex l-impjieg tiegħu ġie tterminat abbażi ta'

azzjoni dixxiplinarja u dan wara sitt xhur jingħata twissija verbali wara l-oħra sabiex ibiddel l-atteġjament u l-attitudni tiegħu u jaqdi ferm aħjar id-doveri tiegħu. Is-soċjeta ddikjarat ukoll illi dejjem assigurat is-saħħa u s-sigurta tal-impjegati u li mhux minnu li r-rikorrenti qatt qajjem xi lment f'dan ir-rigward.

**<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Victor Fenech, CEO tal-kumpannija Poligas Limited xehed li kien ilu seba' snin f'dik il-kariga. Victor Fenech xehed dwar x'wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kif ukoll l-episodji ta' qabel. Dakinhar tat-terminazzjoni tal-impjieg ix-xhud kien ta struzzjonijiet personalment lir-rikorrenti sabiex iniżżel xi xogħol lil Palumbo Shipyard. Għamel enfasi fuq din il-konsjenja għaliex hu kien miftiehem mal-Palumbo li malli jirċievu l-konsenja kien ser jagħmillu pagamaent u b'hekk ikun jista' jkompli bil-business tal-kumpannija. Pero rriżulta illi r-rikorrenti u Mario Abdilla ħadu nofs l-ordni lill-Palumbo għaliex kienu taw biss l-ossiġnu u mhux l-aċitilena li dawn it-tnejn dejjem imorru flimkien bħala ordni. Ix-xhud qal li stenna lir-rikorrenti u lil Abdilla jaslu lura u staqsihom jekk ħadux iċ-ċilindri lill-Palumbo u meta qalulu le qalilhom 'pack your things and leave'. Huma rrifjutaw li jitilqu u telqu biss meta qalilhom ser inċempel lill-pulizija. Ix-xhud qal li fil-kumpannija ma kellhomx sistema ta' written warnings u meta kienu jridu jiġbdu l-attenzjoni ta' xi ħadd kienu jsejħulu u jkellmuh, għalkemm kienu jżommu rekord ta' dawn l-inċidenti fil-file tal-individwu. Qal li kellu diversi problemi mar-rikorrenti bħal per eżempju ma kienx ikun irid jaħdem overtime. Ix-xhud semma istanti oħra fejn ir-rikorrenti kellu problemi , bħal per eżempju kien saq fuq puncture u weħlu spejjeż ta' €300 u meta kellu istruzzjonijiet ċari sabiex jagħmel konsenja sas-siegħa u mar wara u ħalla ċilindru ma' terzi, istanzi meta ma obdiex ordnijiet tas-superjuri tiegħu, meta ma kienx iħott il-vann hekk kif kien suppost jagħmel. Dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi l-vannijiet ma kinux skont ir-regolamenti tas-saħħa u sigurta, x-xhud spjega li skont ir-regoli tal-ADR il-vannijiet għandhom tabelli apposta mwaħħlin miegħu u spjega li meta kellu xi lmenti dejjem irrefera dawn għand il-mechanics tagħhom li huma l-esperti fil-materja. Ix-xhud ġie riprodott mill-kumpannija fejn xehed dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li dak inhar li tkeċċa, u ċjoe it-18 ta' Lulju 2013 Francois Pace kien ċempillu u qallu li s-Sur Fenech kien diġa qallu jipprepara l-karti. Ix-xhud ippreżenta timesheet tal-punching in and out ta' Francois Pace li turi li f'dik id-data s-Sur Pace kien fuq sick leave.

Ir-rikorrenti xehed li hu kien iqassam ċilindri kemm industrijali kif koll mediċinali. Spjega li kien ikollhom problemi bil-vann u kienu jagħmlu sitt xhur mingħajru. Ix-xhud spjega x'ġara dakinhar li ġie tterminat l-impjieg tiegħu u qal li filgħodu kienu kellmu fuq il-problema tal-vann u qal li s-Sur Fenech ma riedx jagħtihom il-vann iż-żgħir. In kontro eżami x-xhud ġie mistoqsi jekk jiftakarx li kien ħa biss nofs l-ordni u qal li ma jiftakarx. In kontro eżami r-rikorrenti spjega d-differenza bejn iż-żewġ vannijiet. Ix-xhud ġie muri dokumenti ta' twissijiet u qal li qatt ma kellu rapport. Mistoqsi jekk Palumbo kinux qalulu hawn kif ġibtu wieħed biss qal li ma kienu qalulu xejn. Muri dokumenti relatati ma' twissijiet ix-xhud qal li hu qatt ma rahom pero ikkonferma illi ġieli kienu kellmuh dwar twissijiet.

Mario Abdilla xehed li hu kien delivery man mar-rikorrenti u kienu jaħdmu bil-ġurnata. Spjega fuq is-sitwazzjoni taż-żewġ vannijiet u kif wieħed kien dejjem ikun bil-ħsara. Ix-xhud qal li dakinhar li tkeċċew, filgħdou kienu għabbew ix-xogħol fuq it-trakk il-kbir, sa dan it-tant idunaw li dan kellu l-high p maħhlul u s-Sur Fenech ma ridhomx joħorġu bih u qalilhom jekk ma jogħġobkomx tafu x'għandkom tagħmlu, marru bix-xogħol u x'hin waslu lura mit-tarzna sabu lid-Duty Manager isfel li

qalilhom is-Sur Victor Fenech jrid ikellimkom fuq u kien diġa għamlilhom il-karta tat-termination. Ix-xhud qal li qalulu li r-raġuni tat-terminazzjoni kienet nuqqas ta' dixxiplina. Ix-xhud qal li s-Sur Fenech kien bagħatlu messaġġ ma' xi ħadd li lest jirranġalu l-karti basta ma jfittxux u ma jgħid xejn lir-rikorrenti. Mario Abdilla in kontro eżami xehed li kien ilu jaħdem mal-Poligas sentejn u nofs u qal li dakinhar li tkeċċew hu u r-rikorrenti kienu ingħataw ordni mingħand Victor Fenech biex jieħdu xi ċilindri għand il-Palumbo u waqt li kienu qegħdin jagħmlu l-konsenja kien diġa qiegħed jagħmel il-karti biex ikeċċihom. Ix-xhud qal li kien jaf dan għaliex ċempillu sieħbu, ċertu Francois Pace. Ix-xhud qal li kif marru lura l-uffiċċju u bagħat għalihom is-Sur Fenech qalilhom intom ma ħadtux kollox u x-xhud giddbu.

Francois Pace xehed li ma tantx jaf fuq il-każ tar-rikorrenti minħabba li dakinhar li tkeċċa huwa kien bis-sick leave. Kull ma kien jaf ix-xhud huwa li darba r-rikorrenti u Mario Abdilla kienu tkeċċew u Victor Fenech kien qallu li jista' j ċempel lil Mario Abdilla biex jerġa' jmur jaħdem hemm imma lir-rikorrenti ma kellux iċempillu.

## Sinteżi tat-trattazzjoni

Il-kumpannija qalet li dan il-każ huwa wieħed fejn ir-rikorrenti qed jinsisti li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda nġusta u jgħid li l-vera raġuni għat-tkeċċija tiegħu ma kinitx dik dixxiplinarja li fil-fatt kienet qed tgħid is-soċjeta' Poligas imma li fil-fatt kieku dak iż-żmien kien hemm sitwazzjoni kien hemm il-liġi tal-whistle blower effettivament qisu hu kien a whistle blower li kien qed jilmenta min-nuqqasijiet fuq il-kundizzjonijiet tal-impjegati u fuq il-kundizzjonijiet li fihom kellu jaħdem u allura din it-tkeċċja skont ir-rikorrenti kienet b'xi forma ta' ritaljazzjoni da parti tad-Direttur jew Manager tas-socjeta' Poligas. Il-kumpannija għamlet referenza għall-provi dokumentarji li ressqet dwar dawn il-vannijiet li r-rikorrenti kien qed jgħid ikkonfermati bid-data ta' meta wieħed kien qiegħed għat-tiswija allura ovvjament ma setgħux jingħataw dak il-vann biex isuquh u kien hemm vann iehor, il-fatt li ghadda mill-VRT kuntrarjament għal li kien qed jgħid ir-rikorrenti u allura l-bażi ta' dak li qed jilmenta minnu s-Sur Johnson fil-fatt bhala stat ta' fatt ma rriżultax u anzi rriżulta dak li kienet qed tgħid il-Poligas li effettivament it-tkeċċija tas-Sur Johnson kienet the end of a cycle ta' insubordinazzjoni u sfida ta' kull ordni. Il-kumpannija rreferiet għal meta kien hemm din il-konsenja għall-Palumbo li magħha kien jintrabat pagament li ovvjament kien hemm bzonnu biex anke jinħarġu pagi u mhux biss tar-rikorrenti imma anke ta' sħabu fejn ir-rikorrenti ma kienx mar bil-konsenja sħiħa għax hekk deherlu b'riżultat li l-klijent dakinhar żamm il-pagamenti, b'riskju mhux biss għall-kumpanija ghax il-kumpanija tista' ssofri dannu imma d-dannu li kienet se ssofri wkoll fir-rigward tal-pagi ta' sħabu stess. Il-kumpannija qalet li r-rikorrenti ipprova jagħti x'jifhem li t-tkeċċija tiegħu kienet premeditata tant li persuna li suppost kien fl-uffiċċju kien qallu isma qallu dawn konna diga' lestejnijhom, meta fil-fatt irriżulta li fil-ġurnata li kien tkeċċa dan il-persuna kein bis-sick leave.

Ir-rikorrenti beda billi qal li t-teżi tan-naħa l-oħra kienet li t-tkeċċija kienet abbazi ta' dixxiplina, pero jekk wiehed jara l-proċess u l-provi kollha illi ġew preżentati wieħed jistaqsi fejn huma l-provi relatati mad-dixxiplina, fejn huma l-warnings, fejn huma xi forma ta' dokumenti illi juru li vera kien hemm dawn il-warnings, it-teżi tar-rikorrent hija li wara sitt (6) xhur jingħata vann ħażin huwa qal li ser jibża' għall-persuna tiegħu u dan il-vann ma setax jibqa' jaħdem bih u din kienet il-veru raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Rigward dixxiplina r-rikorrenti qal li ma ġiet esebita ebda prova illi dan fil-fatt kellu sensiela ta' warnings jew sensiela ta' li xi hadd jigbidlu naqra l-attenzjoni fuq xogħolu.

Il-kumpannija in replika insistiet li fil-fatt kien hemm il-provi kuntrarjament għal dak li qal ir-rikorrenti, u anke xehed ir-rappreżentant tal-Poligas meta kienu taw il-warnings anka lir-rikorrenti.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan il-każ jirrigwardja allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta fejn min-naħa l-kumpannija qed issostni li t-tkeċċija hija waħda ġusta abbażi ta' dixxiplina u r-rikorrenti jinsisti li tkeċċa minħabba li kien ripetutament jiġbed l-attenzjoni tal-maniġment dwar kwistjonijiet relatati mas-saħħa u sigurta minħabba l-kwistjoni tal-vannijiet. Wara li kellu l-opportunita jisma' u jevalwa x-xhieda u d-dokumenti prodotti, dan it-Tribunal jirrimarka illi ħareġ ċar li huwa minnu li r-rikorrenti kien għamel diversi ilmenti dwar dawn il-vannijiet. It-Tribunal jirrimarka ukoll li l-maniġment ma jistax ma jagħtix widen għall-ilmenti tal-impjegati tiegħu u sitt xhur sabiex vann jissewwa huwa żmien eċċessiv, speċjalment jekk dan il-vann kien essenzjali sabiex isir ix-xogħol kif suppost u bl-inqas strapazz fuq l-impjegat. It-Tribunal jirrimarka li l-ġarr in kwistjoni kien ta' ċilindri industrijali li hekk kif ingħad fix-xhieda kienu jkunu ta' piż sostanzjali.

Nonostante dan, insubordinazzjoni u nuqqas li wieħed jagħmel xogħolu kif suppost ma huwa qatt iġġustifikat. Il-kumpannija ressqet diversi provi li juru li r-rikorrenti kellu storja ta' insubordinazzjoni u istanti fejn ma kienx jobdi ordnijiet leġittimi. Pero hawnhekk jidher ċar li l-kumpannija fil-każ li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti ħadet il-liġi b'idejha meta b'mod sommarju u arbitrajru iddeċieda li jittermina l-impjieg tar-rikorrenti mingħajr ma għamel proċeduri dixxiplinarji.

It-Tribunal jiġbed l-attenzjoni li huwa fatt mhux kontestat illi fil-kamp tal-liġi industrijali it-tkeċċija hija l-piena kapitali għall-impjegati u li impjegat jitkeċċa mingħajr ma jingħata l-opportunita li jiskolpa ruħu kemm-il darba ġiet meqjusa minn dan it-Tribunal bħala proċedura irregolari u li tmur kontra l-ġustizzja naturali. Meta wieħed iqis x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax li l-aġir tar-rikorrenti kien wieħed gravi pero xorta ma huwiex wieħed li jesonera lill-kumpannija milli tagħmel proċedura ta' dixxiplina trasparenti u fejn l-impjegat jista' verament jiddefendi ruħu.

**Deċiżjoni**

Wara li ra l-atti kollha tal-każ it-Tribunal iqis li l-mod tat-terminazzjoni mill-impjieg kien wieħed inġust u għal din ir-raġuni biss jagħti kumpens ta' ħames mitt ewro (€500) lir-rikorrenti.

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partiijiet f'dan il-każ ghal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

Minħabba n-numru ta' seduti u differimenti mill-partijiet ma kienx possibbli li dan il-każ jiġi deċiż fi żmien stabbilit mill-liġi.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju